QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT: DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 18 TA' JANNAR 2002

Avviz Nm 176/00DM

Citadel Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Spiro Cutajar sija bil-polza u sija bil-ligi

vs

Carmel Grech

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu 1-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas issomma ta' mitejn u tmienja u sittin lira (Lm268) jew ammont iehor verjuri li jigi likwidat mill-Qorti, jekk hemm bzonn anke permezz ta' periti nominandi, bhala danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-incidenti awtomobilistiku tas-17 ta' Gunju 1999 fAldo Moro Road, Marsa, bejn il-vettura numru MRG 050 misjuqa mill-konvenut u 1-karrozza numm GAA *995* misjuqa minn u proprjeta' tal-assikurat Spiro Cutajar, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragini, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

B1-imghax legali mid-data tal-presentata tal-presenti Avviz u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment kontra s-socjeta assikuratrici tieghu a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, kontra l-konvenut li gie ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Cannel Grech fejn eccepixxa illi:

I Huwa ma kien bl-ebda mod responsabbli ghall-incident stradali msemmi fl-avviz precitat, stante li ghall-incident 'de quo' kien unikament responsabbli s-sewwieq tal-vettura GAA 995 minhabba negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-istess sewwieq ta' GAA *995*.

Rat il-verbal tas-16 t'Ottubru 2001 fejn il-konvenut iddikjara li mhux qed jikkontesta 1-quantum tad-danni izda biss ir-responsabilita'.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tat-process; u

Ikkunsidrat:

Illi apparti mir-rapport li ghamel Ps 1283 Carmelo Costa dwar il-verzjoni moghtija lilu miz-zewg sewwieqa, 1-provi rilevanti f din il-kawza jikkonsistu biss fid-deposizzjonijiet rispettivi taz-zewg sewwieqa involuti fl-incident, ossia dik tas-sewwieq tal-vettura assikurata mal-atturi., Spiru Cutajar, u dik tal-konvenut Carmel Grech.

It-tnejn jaqblu illi kienu qeghdin isuqu go Throughbridge Street biex johorgu go Aldo Moro Road, il-Marsa. Jaqblu wkoll illi, filwaqt illi l-konvenut Carmel Grech kien qieghed fuq il-lemin ta' Throughbridge Street, s-sewwieq 1-iehor kien fuq ix-xellug ta' Throughbridge Street illi hija triq "one way".

Fejn ma jaqblux il-kontendenti huwa dwar id-dettalji ta' kif grat il-habta.

Infatti Spiru Cutajar isosstni illi meta huwa gie biex jisbokka minn Throughbridge Street ghal go Aldo Moro Road, kien ra lill-konvenut ipparkeggjat fuq in-naha tal-lemin ta' Throughbridge Street qieghed jghamel telefonata u li huwa stess kien digia'qieghed jistenna biex jisbokka go Aldo Moro Road meta l-konvenut qala minn fejn kien u habat man-naha tal-lemin tieghu.

Minn-naha 1-ohra l-konvenut isosstni illi waqt li hu kien qieghed jistenna fuq in-naha tal-lemin ta' Throughbridge Street biex jidhol go Aldo Moro Road, kif appena sbokka go Aldo Moro Road *u* kisser lejn ix-xellug tieghu, gie l-konvenut minn fuq ix-xellug tieghu u b'hekk imblokkalhu l-karreggat li ried jmur fiha u saret il-habta.

Mimi dawn iz-zewg verzjonijiet il-Qorti issib illi ghalkemm it-tnejn jippruvaw jitfghu r-responsabilta wahda fuq l-ohra, fid-dettalji taghhom huma puittost simili. Infatti z-zewg verzjonijiet jaccettaw li l-konvenut minflok kien qieghed wieqaf fuq in-naha tax-xellug tat-triq kif kien mistenni li jghamel skond ir-regolamenti tat-traffiku, kien sposta ruhu fuq in-naha tal-lemin tat-triq u halla bizzejjed spazju biex tintrommetti ruhha vettura ohra fuq ix-xellug tieghu.

L-istess konvenut jammetti wkoll illi qabel ma huwa pprova jghamel il-manuvra tieghu

biex johrog go Aldo Moro Road, f'ebda mument qabel ma habat mieghu.huwa ma kien ra lil Spiro Cutajar.

L-istess konvenut inoltre jammetti wkoll li effettivament huwa kien qieghed wieqaf jghamel telefonata qabel ma pprova johrog go Aldo Moro Road.

Minn dawn id-diversi dettalji jidher illi 1-verzjoni moghtija minn Spiro Cutajar hija iktar attendibli minn dik tal-konvenut.  Infatti Spiru Cutajar sa mill-bidu idikjara illi huwa kien induna bil-prezenza tal-konvenut ipparkeggjat fuq in-naha tal-lemin tat-triq jghamel telefonata minn qabel ma huwa ipprova jisbokka go Aldo Moro Road.

L-istess Spiru Cutajar kellhu d-dritt illi jghaddi minn fuq ix-xellug ta' karrozza pparkeggjata fuq il-lemin estrem ta' triq wiesa' biex huwa jkompli jipprocedi fit-triqthu meta s-sewwieq l-iehor kien wieqaf qieghed ukoll jghamel uzu minn 'mobile telephone'.

Kien ghalhekk obbligu biss tal-konvenut Cannel Grech li, meta huwa ghazel li setgha jipprocedi ghal go Aldo Moro Road minn fuq il-lemin ta' Throughbridge Street u meta huwa ned jaqbad il-karreggjata tax-xellug estrem ta' Aldo Moro Road, kellhu, qabel ma jibda jipprocedi, jghamel esplorazzjoni debita tat-traffiku li setgha qed jisbokka go Aldo Moro Road minn fuq ix-xellug tieghu fejn kien halla spazju bizzejjed biex dan it-traffiku jista' jipprocedi.

Ghaldaqstant issib illi huwa l-konvenut Cannel Grech unikament responsabbli ghall-kollizzjoni in kwistjoni u, billi ma saret ebda kontestazzjoni dwar il-quantum tad-danni mitlubin mill-attur fis-somma ta' Lm286 (mitejn tmienja u sittin lira Maltin), il-Qorti qieghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-atturi s-somma mitluba ta' Lm286 (mitejn tmienja u sittin lira Maltin) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mit-18 ta' Frar 2000;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Mag Dr. D Montebello B.A.  LL.D.

S. Farrugia Dep Reg Civ3 1